MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 897/2003/1

**Environmental Management Design and Planning Limited**

**vs**

**Carmel *sive* Charles Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm857.38) dovuta in konnessjoni ma' servizzi moghtija lill-konvenut skond kif jidher minn fattura li kopja tagha giet annessa u mmarkata

bhala dokument ittra A, liema fattura hija datata ghoxrin (20) ta' Frar, elfejn u wiehed (2001) ;
Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, elfejn u tlieta (2003) (kopja Dok.B), u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Mejju, 2003 fejn intqal :

i. illi l-eccipjenti ma ghandu ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici ;
ii. Minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` attrici trid, fi kwalsiasi kaz, tiggustifika l-ammont mitlub minnha permezz ta' l-avviz promotur ta' dawn il-proceduri ;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri prezentata fl-1 ta' April, 2004, fejn intqal illi :

Minghajr pregudizzju ghal dak diga eccepit mill-eccipjenti, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalsiasi kaz jigu michuda stante li l-allegat rapport kontrattwali bejn l-eccipjenti u s-socjeta` attrici, u li fuqu hi bazata l-azzjoni attrici, huwa in vjolazzjoni ta' l-Att dwar il-Periti (Kap.390 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semgha x-xhieda ta' Dr Claude Busuttil, il-Perit Mariello Spiteri, Alessio Verin, Carmel sive Charles Bugeja, Nicholas Micallef, John Boxall, Keith Sciberras, Joseph Skirov, Joe Schiro. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ghall-spejjez u drittijiet professjonali, u cioe` servizzi rezi lill-konvenut skond fattura esebita Dok.A datata 20 ta' Frar, 2001. Is-servizzi kienu jirrigwardaw dirrtijiet professjonali in konnessjoni ma tibdil ta' saqaf u tibdiliet fil-fond tal-konvenut fil-Birgu. Il-konvenut qed jghid li hu qatt ma

qabbad lis-socjeta` attrici izda kien inkariga ghall dan ix-xoghol lil Dr. Claude Busuttil. Ghalhekk il-konvenut qed jghid li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici. Apparti minn hekk il-konvenut qed jghid li l-ammont mitlub irid jigi gustifikat. In oltre qed jinghad ukoll li l-allegat rapport kontrattwali bejn l-eccipjenti u s-socjeta` attrici, u li fuqu hi bazata l-azzjoni attrici, huwa in vjolazzjoni ta’ l-Att dwar il-Periti (Kap.390 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Bhala fatti jirrizulta li Dr Claude Busuttil ma ghandux il-warrant ta’ Perit, pero` dana jaghmel xoghol ta’ konsulenza dwar restawr ta’ bini. Huwa jahdem mas-socjeta` attrici f’din il-kwalita`. Jirrizulta li fejn kien hemm in-necessita` ta’ firem ta’ Perit dawn ha hsiebhom il-Perit Mariello Spiteri.

3. Jirrizulta li f’dan il-kaz kienu jehtiegu li jsiru applikazzjonijiet mal-Awtorita dwar l-Ippjanar, u kienet l-istess MEPA li rrikjediet rapport dwar kif kien ser isir ir-restawr, in vista li l-bini kien iehed antik u storiku. Skond ma xehed l-istess Dr Busuttil, il-fattura Dok.A tirrigwarda principalment ir-rapport li kellu jsir., apparti pjanti li saru. Dr Busuttil jghid li meta r-rapport kien kwazi lest, il-konvenut iddecieda li jwaqqaf kollox.

4. Jirrizulta li inizjalment kien Joseph Schiro, tac-Centru Malti tar-Restawr, li kien introduca lill-konvenut ma’ Dr Busutiil. L-istess Schiro ma kienx jaf li Dr Busuttil ma kellux warrant ta’ Perit. Dr Busuttil jichad dan u jghid li hu dejjem qalilhom li ma kellux warrant.

5. Jirrizulta li kien sar inkontru fil-bidu, bejn il-konvenut u Dr Claude Busuttil u l-Perit Mariello Spiteri. Skond Dr Busuttil kien gie indikat lill-konvenut il-prezz ta’ elf lira ghas-servizzi u dan kien accetta.

6. Dr Busuttil jghid li x-xoghol ta’ disinni saru mill-impjegati tas-socjeta` attrici. Fir-rigward Alessio Verzin, impjegat mas-socjeta` attrici fl-ufficcju responsabbli ghad-disinni, jikkonferma s-servizzi rezi dwar disinn. Fil-fatt skond ma xehed il-Perit Spiteri il-kont jirrigarda is-survey

costs, id-drittijiet professjoanli in konnessjoni mal-applikazzjoni mal-MEPA, u xoghol fuq ir-rapport dwar ir-restawr.

7. Li Dr Busuttil kien jiehu hsieb is-sezzjoni tar-restawr mas-socjeta` attrici, jinsab konfermat mil-Perit Mariello Spiteri, Direttur tas-socjeta` attrici. Dana jghid li l-konvenut kien tkellem ma’ Dr Busuttil fil-presenza tieghu u prezenti ukoll il-kuntrattur. Nicholas Micallef, il-kuntrattur, jikkonferma li f’laqgha li saret il-Mosta kienu prezenti Dr Busuttil u il-Perit Spiteri.

8. Il-Perit Spiteri spjega li kien il-konvenut li tahom l-istruzzjonijiet ghas-sottomissjonijiet sabiex issir l-applikazzjoni mal-MEPA. L-applikazzjoni kienet giet prezentata u eventwalment kienet giet approvata fil-15 ta’ Dicembru, 2000 sabiex jibda l-process.

9. Jirrizulta li fit-3 ta’ Ottubru, 2000 il-MEPA riedu "proposed restoration works statement." Il-konvenut kien staqsa ghall stima ta’ l-ispejjez p[rofessjonali fir-rigward u kien intqal lilu li din tigi madwar elf lira. Skond il-Perit Spiteri, il-konvenut kien awtorizzahom jipprocedu.

10. Jirrizulta li sat-18 ta’ Settembru, 2001 kienu ghadhom qed jircievu mill-MEPA, u ghalhekk kienu infurmaw lill-konvenut li jekk ma jawtorizzahx jipprezenta r-rapport l-applikazzjoni kienet se taqa’. Il-konvenut infurmahom li ma xtaqx ikompli jahdem maghhom.

11. Jirrizulta li l-konvenut kien ffirma dikjarazzjoni sabiex saret l-applikazzjoni mal-MEPA. Din tinsab esebita bhala Dok.EMDP1 a fol-35 sa 41 tal-process, u hija datata 15 ta’ Settembru, 2000. Il-konvenut jghid li hu kien ffirma in bjank.

12. Il-konvenut jikkonferma li kien inkariga lil Dr Busuttil, pero` jghid li hu dejjem kien bl-impressjoni li dan kellu l-warrant ta’ Perit. Jghid li kienu saru laqghat f’Awissu u Settembru, 2000 fejn kien prezenti ukoll Alessio Verin. Skond il-konvenut, Dr Busutiil qatt ma semmielu lill-Perit Mariello Spiteri jew lis-socjeta` attrici u

d-diskors kien biss dwar riparazzjonijiet tas-soqfa. Skond il-konvenut kien Dr Busuttil li ssuggerixxa li jiltaqghu ghand Spiteri, u fil-fatt jghid li ltaqghu fl-ufficju tal-Perit Spiteri f'dik l-okkazjoni meta kien prezenti ukoll il-kuntrattur.

13. Il-konvenut jghid li skond ma rrapportalu Dr Busuttil, kien il-Perit Herman Bonnici li ried rapprot estensiv, u dana dahal peress li kienu gew involuti il-Cottonera Rehabilitation Project u d-Dipartiment tal-Muzewijiet. Il-konvenut isostni ukoll li tkellem ma Keith Sciberras, lecturer fl-Universita` ta' Malta, u dan ikkomunika mal-Perit Bonnici, u qallu li ma riedx rapport twil, izda ried tlett affarijiet fil-qosor, cioe` : i. li jintuzaw l-istess xorok ; ii. Li jintuza gir flok cement ; iii. Li l-faccata ma tigix imbaqqna. Skond il-konvenut meta ra li dak li qed jghid Sciberras ma kienx jaqbel ma dak li kien qed jghid Dr Busuttil, huwa waqqaf lil Dr Busuttil mill-inkarigu.

14. Skond il-konvenut, f'laqgha li saret mas-Sindku tal-Birgu, John Boxall, fit-23 ta' Dicembru, 2000, kien skopra li l-perit tieghu li applikalu ma kienx Dr Claude Busuttil izda il-Perit Mariello Spiteri. Hu ghahekk kellem lil Dr Busuttil u dan ikkonfermalu li l-Perit kien Mariello Spiteri, u li hu ma kellux warrant ta' Perit, Sussegwentement ghaddiet diversa korrispondenza fosthom anke rapport lill-Kamra tal-Periti.

15. Mill-kumpless tal-provi, it-tribunal isibha difficli biex jemmen li l-konvenut ma kienx jaf li l-Perit Spiteri kien involut. Tant hu hekk li dan il-Perit kien prezenti ukoll ghall-laqgha minnhom. Apparti minn dan meta Dr Busuttil ghadda lill-konvenut il-visitng card tieghu, Dok.CB8, f'din hemm bic-car indikat li dan hu Co-Ordinator History of Architecture, ma hemmx indikat li hu ghandu l-warrant ta' Perit. Cioe` ma kienx qed jipprezenta ruhhu bhala Perit.

16. It-Tribunal lanqas ma jihem kif l-istess konvenut ma rceviex kopji ta' ittri mill-MEPA, li gew ikkopjati lilhu u li kienu intbaghtu lil Perit Spiteri u datati 15 ta' Settembru, 2000 u 3 ta' Ottubru, 2000 a fol 43 sa 46 tal-process, meta dawn intbaghtu fl-indirizz tal-konvenut.

17. Isibha ukoll haga stranba li l-konvenut kien tkellem mal-Perit Spiteri pero` ma kienx jaf li dan kellu x'jaqsam max-xoghol minnu rikjest.

18. Ghalhekk it-Tribunal hu soddisfatt illi fil-fatt il-konvenut kien jaf ben tajjeb li kienet s-socjeta` attrici li kienet qed tehodlu hsieb l-affarijiet, meta hu stess tkellem mhux biss ma' dr. Busuttil, izda ukoll ma. Alessio Verin u mal-Perit Mariello Spiteri, ilkoll tas-socjeta` attrici.

19. Dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata, cioe` li hemm vjolazzjoni ta' l-Att dwar il-Periti (Kap.390 tal-Ligijiet ta' Malta), dana ma jirrizultax. Ir-relazzjoni tal-konvenut kienet mas-socjeta` konvenuta, li kienet qed taghti diversi servizzi professjonali relatati mal-bzonnijiet tal-konvenut.

20. L-ammont mitlub kif dettaljatament spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata tas-socjeta` attrici, tirrizulta gustifikata.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm857.38) bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar, 2003.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, 2003 ghandhom jigu sopportati mill- konvenut."

Il-konvenut hassu aggravat b' din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Huwa jirriproponi b' aggravji l-istess identici eccezzjonijiet centrali tieghu u jinvita lill-Qorti biex din taghmel apprezzament *ex novo* taghhom fl-ambitu tar-rizultanzi istruttorji rinvenuti fil-process quddiem it-Tribunal;

Fuq l-ewwel kwestjoni tal-karenza tar-rapport guridiku din tikkomporta dak l-accertament fil-konkret illi s-socjeta`

attrici u l-konvenut kienu effettivament it-titolari tar-rapport migjub fil-gudizzju.  In essenza, tirrigwarda l-kwestjoni attinenti ghall-ezistenza tar-rapport sostanzjali kontrovers u, in partikolari, ghall-identifikazzjoni konkreta tas-soggetti ta’ dan ir-rapport.  Minn dan jikkonsegwi illi t-Tribunal adit kellu jinvestiga l-att jew pluralita` ta’ atti miranti ghall-produzzjoni ta’ effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn il-partijiet.  Fi kliem iehor, gjaladarba r-rapport processwali jippresupponi l-pre-ezistenza tar-rapport negozjali antecedenti, kien mistenni li l-fatti jigu attentament skrutinati biex minnhom jigi verifikat u stabbilit jekk effettivament kienx hemm dik ir-relazzjoni guridika li tipprezumi, bl-azzjoni intentata, illi l-konvenut hu verament id-debitur tas-socjeta` attrici, allegatament kreditrici tieghu;

Issa ma jistax ikun dubitat illi kull att jippresupponi manifestazzjoni ta’ volonta`.  Manifestazzjoni din li tista’ tkun kemm espressa kif ukoll tacita, basta li f’ dan l-ahhar kaz il-fatti li jikkonkorru ghaliha jkunu univoci.  Hekk ad ezempju, tali manifestazzjoni tacita tista’ tkun estratta minn semplici dikjarazzjoni verbali tal-parti jew minn certa mgieba tieghu;

Fil-kaz taht kunsiderazzjoni l-kawza tipprospetta, ghallanqas mill-ottika tas-socjeta` attrici, illi bejn il-kontendenti kien jippre-ezisti rapport negozjali li in konsegwenza tieghu din is-socjeta` qed tippretendi r-retribuzzjoni minnha domandat. Din il-kawza turi wkoll illi l-konvenut appellant kien qed jiddiskonoxxi kull relazzjoni ma’ din is-socjeta` u jsostni, anke f’ din is-sede, l-estranjeta` tieghu ghar-rapport guridiku sostanzjali dedott u, konsegwentement ukoll, ghall-prestazzjoni tal-kumpens rikjest mis-socjeta` attrici ghal servizzi professjonali. Huwa difatti jinsisti, fuq il-bazi tar-riljievi minnu sottomessi, illi l-elementi ta’ prova ma kienux iwasslu ghal dik il-korrelazzjoni konfigurabbli bejnu u r-rapport guridiku dedott fil-gudizzju;

Fil-fehma konsiderata taghha, mir-ri-ezami taghha tar-rizultanzi probatorji, il-Qorti ma tistax taccetta dak propost mill-appellanti. F’ dan, il-Qorti ma tistriehx *sic et sempliciter* fuq l-awtorita` taghha biss, imma, bhat-Tribunal qabilha, issib li, fil-kumpless, kien hemm indikaturi sufficjenti tendenti ghall-ezistenza ta’ rapport negozjali bejn il-partijiet. Manifestament, il-laqgha jew laqghat li l-konvenut kellu mal-Perit Mariello Spiteri fl-ufficcju tal-kumpanija attrici u l-assunt tieghu biex dan il-perit jipprocedi ghall-applikazzjoni tal-permess relattiv tal-bini. Dan il-fatt mhux disdett mill-appellant u l-Qorti ragonevolment tissupponi, ankorke jista’ jkun mhux espressament, illi ghallanqas tacitament il-konvenut wera dik il-volonta` tieghu li l-imsemmi Arkitett u l-ufficcju professjonali tieghu jipprocedu ghall-ezekuzzjoni ta’ dak l-intent persegwit minnu tar-restawr tal-fond proprjeta` tieghu;

Din il-Qorti ghal darba ohra, kif ghamlet f’ kawzi ohra, trid tenfasizza l-punt illi in tema ta’ valutazzjoni tal-materjal probatorju l-indagini ma tridx tkun limitata ghall-ezami izolat ta’ elementi singoli imma jrid ikun wiehed globali fil-kwadru ta’ investigazzjoni organika. Din l-istess valutazzjoni timporta gudizzju fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` ta’ xhud invece ta’ ohrajn. Dan qed jigi rilevat ghar-raguni illi din il-Qorti ssibha difficli li temmen, fuq l-apprezzament taghha tal-korp unitarju tal-provi, illi l-konvenut ma kienx a konoxxenza ta’ l-ezistenza tas-socjeta` attrici. Ikollu jinghad li kollox ma’ kollox, u bl-adoperu tat-test solitu tal-verosimiljanza u tal-kredibilita`, il-konvenut kien xjenti mill-involviment tas-socjeta` attrici u li allura d-decizjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt ma tistax titqies censurabbli ta’ l-apprezament li sar fiha. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

In vista ta’ din il-konkluzjoni din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddilunga zzejjed fuq it-tieni gravam hlief forsi biex tissenjala illi, kif jidher kjarament minn ezami tad-disposizzjonijiet relattivi ta’ l-Att XIV ta’ l-1996 dwar il-Periti (Kapitolu 390), din il-ligi hi intiza biex tafferma l-

karattru personali tar-responsabilita` tal-Periti u mhux biex tiskwalifika l-periti milli jkunu azzjonisti jew diretturi ta' kumpaniji. Logikament ghalhekk is-servizzi professjonali ma jistghux jitqiesu kolpiti minn illegalita` taht l-Att imsemmi. Ir-responsabilita` hi haga u l-intitolar ghall-hlas tas-servizzi prestati hi haga ohra. F' dan il-kaz il-Perit Mariello Spiteri hu legat minn rapport intern mas-socjeta` attrici izda b' daqshekk ma jgibx illi din is-socjeta` ma hijiex hekk legittimata li tagixxi fil-kofront tal-konvenut ghall-pagament tal-hlas tal-korrispettiv dovut. Anke allura dan it-tieni aggravju ma jimmerita ebda akkoljiment u qed jigi skartat;

Kwantu ghat-tielet aggravju ta' l-eccessivita` tas-somma mitluba, jibda biex jigi osservat illi skond ma jinghad mill-Perit Mariello Spiteri fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal "l-ammont indikat fil-fattura kien jikkomprendi l-prezz tas-servizzi kollha li tajna dwar il-progett inkluz ix-xoghol relatat mas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni u x-xoghol fuq ir-*restoration report* li konna ghamilna sa dak iz-zmien" (fol. 31);

Precizat dan, kien certament jinkombi b' oneru fuq il-konvenut appellanti illi juri u jiddemostra, ghas-sodisfazzjon u konvinciment tat-Tribunal, il-validita` tal-kontestazzjoni tieghu tal-kontegg elaborat mis-socjeta` attrici. Ghat-Tribunal, kif jirrizulta mill-motivazzjoni tas-sentenza, dan deherlu li l-ammont mitlub kien wiehed "gustifikat". Din il-Qorti, bir-rispett kollu dovut, mhix daqstant hekk konvinta. Dan mhux biss ghaliex ir-"*restoration report*" li dwar in-nuqqas tal-produzzjoni tieghu llanja l-appellant imma fuq kollox ghall-motiv illi meta wiehed jipparaguna l-kont dettaljat a fol. 56 ma' l-annotamenti maghmula fuq it-Time Sheet esebita a fol. 67 isib li, ghalkemm l-ammont finali hu l-istess fiz-zewg dokumenti, hemm avarija fir-rigward tal-figuri ghal kull singolu item. Ghal din il-Qorti din l-inkonsistenza fil-figuri thalli sapur tali ta' incertezza jew nuqqas ta' kjarezza li ma tistax issostni bhala kongruwa l-motivazzjoni additata mit-Tribunal illi l-ammont mitlub hu hekk gustifikat;

Kif taraha din il-Qorti f' sitwazzjoni bhal din dak it-Tribunal messu, kemm in virtu ta' l-Artikolu 1624 tal-Kodici Civili u, aktar u aktar, skond l-attribuzzjoni lilu affidata mill-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380) bl-Artikolu 7 (1) tieghu jiddeciedi l-materja billi jiffissa l-kumpens hu stess. Kemm taht id-disposizzjoni l-wahda jew l-ohra l-aggudikatur ma huwiex vinkolat minn xi parametri precizi imma jista' liberament jadotta, skond il-poter tal-gudizzju ekwitativ, dik il-figura li hu jqis sufficjenti u gustifikativa ghal fini ta' l-istabilizzar tal-kumpens li ghandu jithallas. Proprju dan il-gudizzju hu lilu rikonoxxut biex jikkolma ghall-qaghda fejn il-prova tithalla, bhal f' dan il-kaz, fi stat ta' incertezza jew fejn l-assunt kontemplat mill-parti ma jkunx konvincevolment sostenut. Bl-adoperu ta' dan l-istess dritt ekwitativ din il-Qorti hi tal-fehma li *ex aequo et bono* l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas mill-konvenut lis-socjeta` attrici ma ghandux jissupera s-somma komplessiva ta' sitt mija u hamsin lira (Lm650), VAT inkluz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-ewwel zewg aggravji, tilqa' in parte l-appell fil-kap lilha devolut dwar il-kwantum tal-kumpens, u konsegwentement tordna li l-konvenut appellant ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650), bl-imghaxijiet min-notifika ta' l-ittra ufficcjali tat-28 ta' Jannar 2003. L-ispejjez tal-prezenti appell jitbatew kwart (1/4) mis-socjeta` attrici appellata u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------